# FIL-QORTI ĊIVILI
# SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Fl-atti tar-Rikors Nru 127/2022ISB fl-ismijiet:**

**Genesis Global Limited (C65325)**

**Vs**

**X**

**Stralċ differit għas-seduta tal-5 ta' Diċembru 2025**

**Digriet mogħti in camera llum l-Erbgħa 22 ta' Lulju 2025 għar-rikors ta' Dr Mark Refalo noe (f'isem Olivia Waclick) tal-15 ta' Novembru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' l-Avukat Dr Mark Refalo bħala mandatarju speċjali ta' Olivia Waclick detentriċi tal-Passaport Awstrijakk numru U6557014 tal-**15 ta' Novembru 2024 (fol 368)** u li permezz tiegħu huwa talab *permess speċjali sabiex jintavola appell mill-hemmhekk imsemmi digriet ta' nhar l-4 ta' Settembru 2024 ai termini tal-Artikolu 229(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Rat id-digriet proviżorju tal-Qorti tat-22 ta’ Novembru 2024;

Rat ir-Risposta tal-Uffiċċju tar-Riċevitur Uffiċjali tas-17 ta’ Frar 2025 (fol 378);

Rat id-Digriet tagħha tal-24 ta’ Frar 2025 (fol 382) u li permezz tiegħu ntlaqgħet it-talba ta’ l-Avukat Mark Refalo noe. u ngħata l-permess speċjali mitlub sabiex iressaq l-appell tiegħu mid-digriet ta’ din il-Qorti tal-4 ta’ Settembru 2024;

Rat ir-Rikors tal-Awtorita’ ta’ Malta dwar il-Logħob tat-13 ta’ Marzu 2025 (fol 385) u li permezz tiegħu l-Qorti ntalbet tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha tal-24 ta’ Frar 2025 għar-raġunijiet hemmekk espressi;

Rat id-Digriet proviżorju tas-17 ta’ Marzu 2025;

Rat il-verbal tas-7 ta’ April 2025;

Rat ir-Risposta tal-Avukat Dr Mark Refalo noe tas-7 ta’ April 2025 (fol 409) għar-rikors tal-Awtorita’ ta’ Malta dwar il-Logħob;

Rat ir-Risposta ta’ United Finance Plc tad-9 ta’ April 2025 (fol 411) għar-rikors tal-Awtorita’ ta’ Malta dwar il-Logħob;

Rat ir-Riposta tal-Avukat Dr Michael Psaila noe bħala mandatarju speċjali ta’ Genesis Fiduciary Pty Ltd tad-9 ta’ April 2025 (fol 412) għar-rikors tal-Awtorita’ ta’ Malta dwar il-Logħob;

Rat id-Digriet tagħha tal-10 ta’ April 2025 (fol 414) u li permezz tiegħu l-Qorti, fost oħrajn, irrevokat *contrario imperio* id-digriet tagħha tal-24 ta’ Frar 2025;

Rat ir-Risposta ta’ United Finance Plc tat-28 ta’ Mejju 2025 (fol 440) għar-rikors ta’ Dr Mark Refalo noe tal-15 ta’ Novembru 2024, fejn din irrimettiet ruħha għad-deċiżjoni;

Rat ir-Risposta ta' l-Awtorita' ta' Malta dwar il-Logħob tat-2 ta' Gunju 2025 (fol 441) għar-rikors ta' Dr Mark Refalo noe tal-15 ta' Novembru 2024;
Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Lulju 2025, minn fejn jirriżulta illi r-rikors tal-Avukat Mark Refalo noe tal-15 ta' Novembru 2024 (fol 368) tħalla għad-digriet.

**Ikkunsidrat:**

Illi b'hekk dak li qed jiġi trattat u deċiż llum f'dan id-digriet hija t-talba tal-Avukat Mark Refalo noe (f'isem **Olivia Waclick**) tal-15 ta' Novembru 2024 (fol 368) u li permezz tiegħu huwa talab *permess speċjali sabiex jintavola appell mill-imsemmi digriet ta' nhar l-4 ta' Settembru 2024 ai termini tal-Artikolu 229(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

<u>Bażi għat-talba</u>

Qabel xejn, il-Qorti tqis illi kollox beda meta l-Avukat Refalo f'isem Olivia Waclik ressaq talba sabiex din tiġi ammessa fil-lista ta' kredituri tal-kumpanija fi stralċ Genesis Global Limited, u permezz ta' digriet tal-4 ta' Settembru 2024, din it-talba kienet miċħuda.

Peress illi d-digriet kien inghata *in camera*, a tenur tal-Artikolu 229(10) kien meqjus moqri fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2024, u b'hekk huwa ressaq ir-rikors ai termini tal-Artikolu 229(3) tal-KAP 12.

Fil-qosor, **ir-rikorrenti noe** jirreferi għad-digriet li permezz tiegħu Olivia Waclik ma ġietx ammessa fil-lista ta' kredituri u jsostni illi jkun aħjar u ġust illi din il-kwistjoni tiġi riveduta u determinata b'mod definittiv minn Qorti tat-tieni istanza, peress illi s-sitwazzjoni attwali tirriżulta fi preġudizzju serju u irrimedjabbli lir-rikorrenti, partikolarment jekk jingħalaq l-istralċ u l-kwistjoni tkun għadha mhix determinata.

Ir-rikorrenti noe jsostni illi l-Artikolu 56A tal-KAP 583, li a bażi tiegħu l-Qorti ċaħdet it-talba tar-rikorrenti noe sabiex tiġi ammessa fil-lista ta' kredituri mhux applikabbli għall-każ in eżami u fi kwalunkwe każ imur kontra regolamenti Ewropej għall-mod kif għandu jiġi applikat il-prinċipju tal-ordni pubbliku. Jikkritika l-fatt illi din il-Qorti straħet fuq id-digriet tagħha tat-13

ta' Mejju 2024, peress illi jsostni illi hemm differenzi bejn il-fatti *specie* tal-każ hemmekk deċiż u dawk tal-każ preżenti.
Ir-rikorrenti noe iddikjara illi huwa konxju illi din hija materja innovattiva li qegħda kontinwament tiżviluppa u tinbidel, kif inoltre' irrikonoxxiet il-Qorti fid-digriet tagħha – imma jgħid illi huwa propju għalhekk illi jkun aktar ġust u ekwu illi jkun hemm appell għal deċiżjoni definittiva mid-digriet ikkontestat.

Risposti

In **risposta, l-uffiċċju tar-Riċevitur Uffiċjali** jsostni fost oħrajn illi r-rikorrenti noe huwa skorrett illi jibbaża l-argument tiegħu fuq ir-Regolament UE 1215/2012 peress illi Olivia Waclik ma għandiex sentenza tal-Qorti Awstrijakka li tikkonferma d-dritt minnha pretiż. Jargumenta illi ġjaladarba l-kumpanija fi stralċ, nonostante illi llum ma għandiex liċenzja biex topera, tibqa' responsabbli għal dak kollu li sar meta kellha liċenzja operattiva, allura trid titqies ukoll illi tgawdi mill-effetti tal-applikazzjoni tal-Artikolu 56A tal-KAP 583. Jsostni illi dan l-artiklolu huwa intiż sabiex jipproteġi l-ordni pubbliku u ma jħalli ebda lok għal interpretazzjoni.

Ir-Riċevitur Uffiċjali jsostni ukoll illi l-monopolju maħluq mil-liġijiet Awstijakki jirristringu b'mod sproprozjonat il-moviment liberu fl-UE u l-uffiċċju ma jħossx illi għandhu jinterpreta jew japplika liġijiet esteri bħal dawn Awstijakki. Issotni illi jekk iħoss opportun, ir-rikorrenti noe għandu jfittex id-drittijiet tiegħu quddiem il-Qrati Awstrijakki.

Filwaqt illi l-**United Finance Plc** irrimettiet ruħa, l-**Awtorita' ta' Malta dwar il-Logħob** opponiet it-talba tar-rikorrenti noe sabiex jingħata permess speċjali jappella għal diversi raġunijiet, fosthom raġuni proċedurali. Issostni illi d-digriet li tiegħu qed jintalab permess sabiex jsir appell minnhu mhux wieħed interlokutorju u konsegwentement mhux applikabbli l-Artikolu 229 tal-KAP 12. Issostni illi kif inhu ben risaput, proċeduri ta' stralċ ma jwasslux għal sentenza definittiva u l-proċess ma jiġix konkluż b'sentenza u konsegwentement mhux applikabbli l-provvediment tal-liġi msemmi. Tikkwota anke ġurisprudenza li tistabbilixxi illi ma hemmx appell minn digriet li ma huwiex interlokutorju.

L-Awtorita' issostni illi s-sub-inċiż (3) tal-Artikolu 229 kien introdott għaliex il-leġislatur ma setax jelenka l-kategoriji kollha ta' digrieti fl-ewwel żewġ sub-inċiżi u għalhekk ħalla fid-diskrezzjoni tal-Qorti sabiex tiddeċiedi hi għandiex tilqa' o meno talba għal permess speċjali sabiex isir appell minn digrieti mhux inklużi fl-ewwel żewġ sub-inċiżi.

Mingħajr preġudizzju għal dan, l-Awtorita' ssostni illi f'każ illi l-Qorti ssib illi l-Artikolu 229 huwa applikabbli, it-talba tar-rikorrent noe sabiex tiġi ammessa fil-lista ta' kredituri trid titpoġġa fil-kuntest ta' espressjoni ċara tal-liġi li tikklassifika l-pretensjoni tar-rikorrenti noe bħala espressament leżiva tal-ordni pubbliku ta' Malta – u ssostni illi t-triq miftuħa għar-rikorrent noe mhix appell mid-digriet kif mitlub imma proċeduri ad hoc sabiex jattakka din id-dispożizzjoni de quo.

L-Awtorita' ssostni ukoll illi talbiet bħal dawn ma għandhomx jistultifikaw l-proċediment ta' stralċ għad-detriment ta' varji kredituri oħra. F'kuntest fejn stralċ għandu jitmexxa fl-aħjar interess tal-korp ġenerali tal-kredituri b'mod kollettiv, l-Awtorita' ssostni illi ma għandhomx jittieħdu deċiżjonijiet li jwasslu biex biex jikkonfortaw kreditur wieħed a detriment ta' l-oħrajn.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Il-Qorti ser tibda sabiex tanalizza u tiddeċiedi dwar il-punt proċedurali mqajjem mill-Awtorita' ta' Malta dwar il-Logħob, fis-sens illi l-Artikolu 229 tal-KAP 12 mhux applikabbli. Il-Qorti ser tagħmel dan peress illi jekk jirriżulta illi dan il-punt għandu mis-sewwa, allura jkun inutili illi l-Qorti tidħol f'merti oħra.

Il-Qorti tibda sabiex tagħmel referenza għas-sentenza tal-**Qorti tal-Appell** fil-proceduri 34/2004LSO tas-27 ta' Settembru 2009 fl-ismijiet **Marina Milling & Grain Handling Co. Limited (C–343) u b'digriet tat-23 ta' Ottubru, 2018, isem is-soċjetà ġie mibdul għal MMGH Ltd. vs Euro Imports Limited (C–26684)** fejn intqal hekk, fil-kuntest ta' provvedimenti mogħtija mill-Qorti tal-prim istanza fi proċeduri ta' stralċ:

> *13. Illi l-Qorti tqis li l-proċedura mnedija quddiem l-ewwel Qorti mill-appellata hija waħda speċifika li dwarha tipprovdi biss il-liġi speċjali tal-kumpanniji. Huwa aċċettat ukoll li l-imsemmija proċedura hija waħda maħsuba għall-ħarsien*

*kemm tal-kumpannija nnifisha u kif ukoll tal-kredituri tagħha fiċ-ċirkostanzi li jaħseb għalihom l-artikolu 214 li taħtha nbdiet din il-proċedura u biex tagħti mekkaniżmu ta' aċċertament tal-qagħda finanzjarja tal-kumpannija li tkun. B'żieda ma' dan, jingħad li l-proċedura ta' xoljiment u stralċ konsegwenzjali ta' kumpannija fil-liġi ta' Malta ttieħdet minn dik maħsuba fl-Insolvency Act 1986 tar-Renju Unit, imma l-leġislatur għażel liema dispożizzjonijiet minn dik il-liġi ried li jkunu jagħmlu parti mil-liġi f'Malta;*

*14. Illi fid-dawl ta' dawn il-preċiżazzjonijiet, il-Qorti hija tal-fehma li d-deċiżjoni li tingħata minn qorti fi proċedura mnedija taħt l-artikolu 214 tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta hija provvediment ordinatorju li jixbah lil degriet u mhux sentenza. Tqis ukoll, kif tajjeb tgħid l-appellata, li dwar il-proċedura maħsuba fl-artikolu msemmi, il-liġi ma tgħid xejn dwar appelli minn Ordni ta' Stralċ; filwaqt li, f'dispożizzjonijiet oħrajn marbuta mal-proċess tal-likwidazzjoni ta' kumpanniji, fejn riedet li jkun hemm jedd ta' appell qalitu u tatu speċifikatament. Il-proċedura nnifisha li hija maħsuba biex jitnieda l-proċess għall-għoti ta' Ordni ta' Stralċ huwa differenti mill-proċedura ordinarja maħsuba mil-liġi proċedurali għal proċediment ordinarju kontenzjuż.[1] Fuq kollox, il-provvediment li bih qorti toħroġ Ordni ta' Stralċ ma jtemmx il-proċess quddiem dik il-qorti, liema ċirkostanza hija meqjusa bħala element ewlieni biex wieħed jagħraf bejn sentenza u provvediment. Minbarra l-għażla tradizzjonali bejn degrieti interlokutorji u dawk kamerali, il-provvedimenti li għandhom min natura ta' degriet jintgħarfu minn dawk li jikkostitwixxu sentenza prinċipalment minn jekk jagħlqux jew le l-kwestjoni li dwarha dak il-provvediment ikun ingħata. Huwa maqbul b'awtorità li jekk deċiżjoni tagħlaq il-kwestjoni din tkun sentenza; jekk, min-naħa l-oħra, din tipprovdi biss dwar episodju jew aspett proċedurali matul il-kwestjoni, allura titqies bħala degriet. Kif ingħad b'awtorità wkoll, dak li jikkostitwixxi sentenza huwa d-definittività tagħha (fis-sens ta' quando terminat negotium de quo agitur). Minn qari tal-parti dispożittiva tad-deċiżjoni appellata, b'mod partikolari f'dik il-parti fejn intlaqgħet it-tieni talba tal-appellata, jidher ċar li l-ewwel Qorti tat direttivi li dwarhom hija kienet qiegħda tistenna t-twettiq għall-eventwali verifika tagħha, qabel ma jingħata l-ordni aħħari skond l-artikolu 264 tal-Kapitolu 386;*

Din is-silta meħuda mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell kif kkwotata tirrispondi b'mod mill-aktar ċar u dirett għal-lanjanza mressqa mill-Awtorita' ta' Malta dwar il-Logħob u kull kumment ieħor ikun superfluwu.

Iżda, il-Qorti tħares lejn il-punt proċedurali mressaq mill-Awtorita' ta' Malta dwar il-Logħob, f'kuntest aktar wiesa' tad-determinazzjoni tal-lanjanza mressqa, ossia' l-inapplikabilita' tal-Artikolu 229 tal-KAP 12.

[1] Sottolinear għall-emfasi

Il-Qorti tibda sabiex tabbraċċja dak li qalet l-Awtorita' ta' Malta dwar il-Logħob meta sostniet illi talbiet bħal dawn ma għandhomx jistultifikaw il-proċediment ta' stralċ għad-detriment ta' varji kredituri oħra. F'kuntest fejn stralċ għandu jitmexxa fl-aħjar interess tal-korp ġenerali tal-kredituri b'mod kollettiv, l-Awtorita' ssostni illi ma għandhomx jittieħdu deċiżjonijiet li jwasslu biex biex jikkonfortaw kreditur wieħed a detriment ta' l-oħrajn.

Il-Qorti tirreferi għall-artikolu **239 tal-KAP 386** tal-Liġijiet ta' Malta, intestat ***Eżerċizzju u kontroll tas-setgħat tal-Istralċarju***, li jghid espressament hekk:

> *239(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, stralċjarju ta' kumpanija li tkun qed tiġi stralċjata mill-qorti għandu, fl-amministrazzjoni tal-attiv tal-kumpanija u it-tqassim tagħhom fost il-kredituri tagħha, iqis kull direttivi li jistgħu jingħataw b'riżoluzzjoni tal-kredituri jew kontributorji f'xi laqgħa ġenerali jew mill-kumitat ta' stralċ, u kull direttivi mogħtija mill-kredituri u l-kontributorji flimkien għandhom, jekk ikunu b'konflittma' xi direttivi mogħtija mill-kumitat ta' stralċ, jitqiesu li jreġu dawn tal-aħħar; xort'oħra għandhom ireġu d-direttivi mogħtija mill-kumitat ta' stralċ.*
>
> *(2) L-istralċjarju jista' jsejjaħ laqgħat ġenerali tal-kredituri jew kontributorji sabiex jaċċerta x-xewqat tagħhom, u jkun id-dmir tiegħu li jsejjaħ laqgħat f'dawk iż-żminijiet li l-kredituri jew il-kontributorji, b'riżoluzzjoni, jew fil-laqgħa li taħtar lill-istralċjarju jew xort'oħra, jistgħu jeħtieġu, jew kull meta mitlub bil-miktub biex hekk jagħmel mill-kredituri jew kontributorji skont il-każ, li jkollhom minn kwart tal-valur.*
>
> *(3) L-istralċjarju jista' jagħmel rikors lill-qorti biex tagħti direttivi dwar kull ħaġa partikolari li tinqala' fl-istralċ.*
>
> *(4) Jekk xi persuna tħossha aggravata b'xi għemil jew deċiżjoni tal-istralċjarju, il-persuna tista' tagħmel rikors lill-qorti u l-qorti tista' tikkonferma, taqleb jew timmodifika l-għemil jew id-deċiżjoni li dwarha jsir l-ilment, u tagħmel dak l-ordni dwar dan li jidhrilha ġust.*

Issa l-Qorti tqis ukoll illi fl-atti ta' dan l-istralċ, u riferibbli għall-pretensjonijiet ta' gukaturi li fil-passat lagħbu u tilfu flejjes mal-kumpannija fi stralċ u li qed jagħmlu talbiet għall-irkupru ta' dan it-telf, hemm mhux biss it-talba tar-rikorrent noe (f'isem Olivia Waclick), iżda ukoll ieħor tiegħu

(f'isem Erika Gutshelhofer) - u ukoll it-talba tar-riċevitur uffiċjali (fol 327) tat-8 ta' Mejju 2024 li kien degretat fit-13 ta' Mejju 2024.

Illi għalkemm forsi bi sfumaturi xi ftit differenti, il-Qorti tqis illi essenzjalment il-merti tar-rikorsi kollha msemmija jittrattaw l-istess materja, tant illi d-digriet li tiegħu qiegħed hawnekk jintalab illi jsir appell minnhu jirreferi għall-ewwel digriet tal-Qorti mogħti fir-rigward fit-13 ta' Mejju 2024 (dak mogħti għar-rikors tar-Riċevitur Uffiċjali).

Issa, il-Qorti tqis illi r-rikors tar-Riċevitur Uffiċjali kien tressaq ai termini tal-**Artikolu 239(3) tal-KAP 386** filwaqt illi r-rikors ta' Dr Mark Refalo noe (f'isem Erika Waclick) tressaq ai termini ta' l-**Artikolu 239(4) tal-istess KAP 386**.

Minn qari tal-Artikolu 239 tal-KAP 386 appena msemmi, minn imkien ma jirriżulta illi hemm dritt ta' appell mid-digrieti illi l-Qorti talvolta tista' tagħti, u għalhekk, applikat l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawża 34/2004LSO hawn fuq ċitat:

- ġjaladarba l-proċedura ta' stralċ "*hija waħda speċifika li dwarha tipprovdi biss il-liġi speċjali tal-kumpaniji",* u,

- ġjaladarba "*il-liġi ma tgħid xejn dwar appelli"* għal digrieti mogħtija għal rikors mressqa ai termini tal-Artikolu 239 tal-KAP 386, u,

- ġjaladabra dan l-istess Kap 386 "*fejn riedet li jkun hemm jedd ta' appell qalitu u tatu speċifikatament",* u,

- ġjaladarba "*il-proċedura nnifisha li hija maħsuba biex jitnieda l-proċess għall-għoti ta' Ordni ta' Stralċ huwa differenti mill-proċedura ordinarja maħsuba mil-liġi proċedurali għal proċediment ordinarju kontenzjuż*" –

allura din il-Qorti, filwaqt illi tabbraċċja dan l-insenjament, ma għandhiex triq oħra ħlief li tikkonkludi illi t-talba mressqa minn Dr Mark Refalo noe (f'isem Erika Waclick) sabiex jingħata permess speċjali iressaq appell kif magħmul ai termini tal-Artikolu 229(2) tal-KAP 12 ma għandux siwi u konsegwentement tabbraċċja l-eċċezzjoni mressqa mill-Awtorita' ta' Malta

dwar il-Logħob fis-sens illi huwa inapplikabbli l-Artikolu 229(3) tal-KAP 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell hawn fuq iċċitata tgħid ukoll illi *jidher għalhekk li, min-natura tal-provvediment li jingħata minn qorti għall-finijiet tal-artikolu 214 tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rimedju li jista' disponibbli għal min jixtieq jikkontestah mhuwiex dak ta' appell quddiem din il-Qorti, imma rimedju proċedurali ieħor. Għalkemm f'dak li jirrigwarda dritt proċedurali, it-tixbih b'analoġija jrid isir b'mod kontrollat, din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-appellata li f'dan ir-rigward jgħoddu l-istess kunsiderazzjonijiet li din il-Qorti għamlet fejn jidħol is-siwi ta' appell minn ordnijiet oħrajn magħmula minn qorti taħt l-Att dwar il-Kumpanniji. Dan jingħad fir-rigward ta' Ordni magħmul minn qorti taħt l-artikolu 402 tal-istess Att u jekk jistax jitressaq appell minnu. F'dak il-każ, din il-Qorti tat il-fehma meqjusa u raġunata tagħha li jedd ta' appell minn ordni bħal dak ma jeżistix.*

Il-Qorti tqis illi applikat dan ir-raġunament għad-deċiżjoni hawnhekk meħuda jkompli jagħti komfort lil din il-Qorti ukoll in linea mal-konsistenza tal-ħsieb applikat mill-Qrati tagħna.

**GĦALDAQSTANT**, il-Qorti, wara illi evalwat l-atti, qieset is-sottomissjonijiet kollha tal-partijiet u għamlet l-evalwazzjonijiet u l-konsiderazzjonijiet tagħha, qed tiddeċiedi b'mod definittiv ir-rikors ta' Dr Mark Refalo noe (f'isem Olivia Waclick) tal-15 ta' Novembru 2024 (fol 368) billi tiddikjara illi ma għandux siwi u konsegwentement tgħaddi billi **tiċħdu**.

Jibqgħu mpreġudikati kwalsiasi drittijiet oħra li talvolta jispettaw lir-rikorrenti noe

**Digriet mogħti *in camera*, illum, l-Erbgħa 22 ta' Lulju 2025.**

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**